# FIL-QORTI ĊIVILI

# SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF

## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum it-Tnejn, 19 ta' Mejju 2025**

**Kawża Nru. 2**

**Rik. Nru. 82/2024 ISB**

**Domenique Berthe Hyachinthe Inglott (K.I. 413301L)**

**vs**

**Reġistratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors** ta' **Domenique Berthe Hyachinthe Inglott** tas-6 ta' Settembru 2024, li permezz tiegħu talbet lill-Qorti sabiex:

i. *Jerġa' jdaħħal l-isem tas-soċjetà Safe Mark Co Ltd (C 12557) fir-Reġistru tal-Kumpanniji sabiex b'hekk titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma ġiex imħassar; u*

ii. *jagħmel dawk il-pubblikazzjonijiet kollha meħtieġa ai termini tal-Liġi relattivi għal tali inserzjoni fir-Reġistru tal-Kumpanniji,*

U dan wara li ppremettiet:

1. *Illi r-ragel tal-esponenti David Inglott (K.I. 71151M), illum defunt, kien direttur u wiehed mill-azzjonisti tas-socjeta' Savemart Co. Ltd C 12557 ("il-Kumpanija") u dana kif jidher mill-istatut tal-Kumpanija li kopja tieghu qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok A.*
2. *Illi permezz ta' kuntratt ippubblikat min-Nutar Victor Bisazza nhar il-10 ta' Novembru 1994, il-Kumpanija kienet akkwistat garaxx ("il-Garaxx") bla numu li jinsab go Triq Agostino Matrenza, San Gwann, kif deskritt ahjar fl-istess kuntratt ta' akkwist, li kopja tieghu qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok B.*
3. *Illi b'effett mis-6 ta' Novembru 2014 il-Kumpanija kienet bidlet isimha biex saret Safe Mark Co. Ltd u dana kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok C.*
4. *Illi b'resoluzzjoni moghti fil-31 ta' Dicembru 2017, l-azzjonisti tal-Kumpanija kienet hadu d-decizzjoni illi jpoggu l-Kumpanija f'voluntary liquidation u kien gie appuntat bhala likwidatur Antoine Grech, u dana kif jidher mid-dokumenti relattivi hawn annessi w mmarkati bhala Dok D1 sa D3 u dana wara illi saret id-dikjarazzjoni necessarji skond il-ligi illi l-Kumpanija kienet solventi.*
5. *Illi l-Kumpanija giet stralcata definittivament nhar it-3 ta' Ottubru 2019.*
6. *Illi dan l-ahhar gie skopert illi meta saret il-likwidazzjoni tal-Kumpanija bi svista l-Garaxx thalla registrat f'isem il-Kumpanija u dana kif jidher mid-dikjarazzjoni mahruga min-Nutar Liza Schembri data 29 ta' Awissu 2024, kopja tieghu hawn anness u mmarkat bhala Dok E, kif ukoll mir-*

*ricerki relattivi li qed jigu hawn annessi w mmarkati bhala Dok F.*

7. *Illi r-ragel tal-esponenti David Inglott miet nhar id-29 ta' Ottubru 2023 kif jidher mic-certifikat tal-mewt hawn anness u mmarkat bhala Dok G.*
8. *Illi l-eredi tal-imsemmi David Inglott hija martu l-esponenti u dana kif jirrizulta mid-dokumenti annessi u cjoe r-ricerki testamentarji (Dok H) u l-ahhar testament tad-decujus (Dok I).*
9. *Illi ghalhekk hemm il-htiega illi l-Kumpanija terga titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, sabiex l-Garaxx ma jiddevolviex f'idejn il-Gvern ta' Malta b'dannu konsiderevoli ghall-esponenti.*

Rat id-dokumenti li kienu ppreżentati mar-rikors (fol 4 sa fol 34).

Rat id-digriet tagħha tas-16 ta` Settembru 2024, permezz ta' liema r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tal-11 ta' Novembru 2024 fid-9:30 am, u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lill-intimat Reġistratur tal-Kumpanniji b'għoxrin jum żmien għar-risposta.

Rat illi r-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat fl-14 ta' Ottubru 2024 (ara tergo ta` fol 41) u rat in-nota tar-rikorrenti **Domenique Berthe Hyachinthe Inglott** fit-2 t'Ottubru 2024 (fol 36) li permezz tagħha ppreżentat affidavit tagħha stess (fol 37 sa fol 38).

Rat in-nota tar-rikorrenti tal-4 t'Ottubru 2024 (fol 39) u li permezz tagħha ppreżentat affidavit tan-**Nutar Liza Schembri** (fol 40).

Rat illi fl-1 ta' Novembru 2024, ir-**Reġistratur tal-Kumpanniji** intimat ppreżenta ir-risposta tiegħu (fol 46), b'dokument hemm anness, li permezz tagħha, huwa sostna:

*Illi in kwantu għall-meriti fattwali tal-kawża peress illi l-konvenuta Reġistratur m'hijiex edotta mill-fatti kollha kif ġew dikjarati fir-rikors promotur, hija tirrimetti ruħha għall-provi u għall-ġudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti. Illi skont kif ġie dikjarat fir-rikors odjern, wara t-tħassir tal-isem tal-kumpanija SAFE MARK CO LTD (C 12557) minn fuq ir-Reġistru tal-*

*Kumpaniji ("Reġistru") konsegwenza ta' stralċ volontarju, ir-rikorrenti ndunaw li bi żvista kien hemm immobbli tal-kumpanija, speċifikament il-fond 191, The Wedge, Triq is-Sorijiet, San Ġiljan, li ma ġewx meħuda in konsiderazzjoni waqt l-istralċ;*

*Illi r-rikorrenti qed tibbaża t-talbiet tagħha abbażi tal-artikolu 325(4) tal-Att, iżda dan l-artikolu m'huwiex applikabbli fil-każ de quo, għaliex l-isem tal-kumpanija SAFE MARK CO LTD ma ġiex mħassar minn fuq ir-Reġistru mir-Reġistratur permezz tal-proċedura magħrufa bħala "defunct", skont l-artikolu 325 tal-Att, imma kif ingħad hawn fuq, il-kumpanija ġiet xjolta b'mod volontarju u għalhekk l-artikolu aplikabbli f'dan il-każ għandu jkun l-artikolu 300B tal-Att;*
*Illi l-ewwel rekwiżit illi għandu jiġi pruvat skont l-Artikolu 300B tal-Att dwar il-Kumpaniji, huwa illi r-rikorrenti jkunu persuni nteressati. Tali rekwiżit huwa wieħed illi għandu jitqies skont il-fatti u ċirkostanzi partikolari ta' kull każ u għaldaqstant hija dina l-Onorabbli Qorti illi għandha tistabbilixxi jekk l-elementi rekwiżiti sine qua non jeżistux u jekk iva, jeżistux b' tali mod illi jimmeritaw ir-rimedju eċċezzjonali u straordinarju provdut fl-imsemmi artikolu;*

*Illi t-tieni rekwiżit illi jagħti lok għall-istituzzjoni tal-azzjoni taħt l-artikolu 300B huwa illi r-rikors promotur għandu jiġi preżentat sa żmien massimu ta' ħames snin mid-data illi fiha l-isem tal-kumpanija in kwistjoni jkun ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru. Billi l-isem tal-kumpanija SAFE MARK CO LTD (C 12557) kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru fit-3 ta' Ottubru tas-sena 2019 u billi r-rikors promotur ġie preżentat fis-6 ta' Settembru 2024, it-terminu preskritt mil-liġi ġie osservat;*

*Illi di piu' skont is-subartikolu 3 tal-Artikolu 300B, dina l-Onorabbli Qorti għandha tilqa' t-talba biss jekk tkun sodisfatta illi dak li jaħseb għalih is-subartikolu 2 tal-Artikolu 300B kien jikkostitwixxi l-uniku rimedju skont il-liġi għad-disposizzjoni tar-rikorrenti. Ta' min wieħed jgħid illi l-proċedura illi wasslet għax-xoljiment, stralċ u tħassir tal-isem tal-kumpanija in*

*kwistjoni minn fuq ir-Reġistru kienet waħda illi bdiet volontarjament mill-azzjonisti u uffiċjal tal-kumpanija stess. Għaldaqstant, il-proċess illi wassal għat-tħassir tal-isem tal-kumpanija de quo huwa wieħed pubbliku u d-dokumentazzjoni relattiva għal tali tħassir huwa wieħed aċċessibbli għall-viżjoni ta' terzi persuni;*

*Illi kif dejjem ġie sottolineajat mill-Qrati tagħna, iż-żewġ elementi illi jipprovdu l-qofol sostanzjali tal-Artikolu 300B huma illi wieħed jipprova kjarament illi l-proċess tal-istralċ u tat-tħassir tal-isem tal-kumpanija minn fuq ir-Reġistru kien wieħed ivvizjat jew bi frodi jew, bħalma qiegħed jiġi allegat f'din il-kawża bl-element ta' illegalita' ta' natura materjali. Dawn iż-żewġ raġunijiet jidhru illi huma ristretti fin-natura tagħhom iżda s-sinifikat u l-applikazzjoni tagħhom f' każijiet partikolari ngħataw b'mod lampanti f'interventi interpretattivi tal-Qrati tagħna. Dawn, kif intqal qabel, dejjem ħadu in konsiderazzjoni il-fatti u ċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ illi kellhom quddiemhom;*

*Illi r-Registratur tħoss li kien fid-dover tal-kumpanija u iktar speċifikament tal-likwidatur illi jkunu ċerti illi l-kumpanija ma kien fadlilha l-ebda assi pendenti qabel ma bdew il-proċess ta' stralċ volontarju kif ukoll tul il-proċess tal-istralċ rispettivament. U għaldaqstant dan huwa indikazzjoni ta' traskuraġni, imprudenza jew nuqqas t' attenzjoni da parti tar-rikorrenti;*

*Illi fl-essenza tiegħu r-rimedju illi tista' tagħti dina l-Onorabbli Qorti, jekk ikun il-każ, huwa wieħed speċjali u eċċezzjonali. Għalhekk f'kull każ il-Qorti għandha teżerċita kawtela u tuża d-diskrezzjoni tagħha b-mod ċar sabiex taċċerta ruħha illi tali każ huwa wieħed ġenwin sabiex jiġi skansat kull lok ta' abbuż. Dan huwa fatt importanti meta wieħed jikkonsidra l-fatt illi l-liġi ma tagħti ebda ħjiel jew definizzjoni ta' x' jikkostitwixxi illegalita' ta' natura materjali. Ta' min jgħid illi mhux kull illegalita' tiskatta l-jedd għar-rimedju taħt l-Artikolu 300B tal-Att dwar il-Kumpaniji. Ta' min wieħed iżid ukoll illi x' inhu*

*materjali jiddependi mill-fattispeċi ta' kull każ individwali u għalhekk irid jiġi ppruvat b' mod lampanti min-naħa tar-rikkorrenti għas-sodisfazzjon ta' dina l-Onorabbli Qorti. Għalhekk, tali illegalita' trid tkun waħda illi wasslet għall-ivvizzjar tal-proċess tal-istralċ. Illi għalhekk l-istralċjarju kellu joqgħod ferm attent illi jara illi qabel ma għadda għall-proċedura illi twassal għall-kanċellament u tħassir tal-isem tal-kumpanija in kwistjoni, huma jkunu kollha effettivament u verament konklużi. Dan mingħajr il-hsieb komdu illi jekk jinqala xi ħaġa wara, jista' jirrikorri għar-rimedju taħt xi artikolu illi jipprovdi l-Att dwar il-Kumpaniji, speċifikament l-Artikolu 300B tal-istess Att. Illi appuntu l-funzjoni tal-istralċjarju, kif ġie magħżul mis-soċji tal-kumpanija jeżiġi illi jillikwida u jikkonkludi l-affarjiet tal-kumpanija illi l-isem tagħha sejjer jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru bħala konsegwenza tal-inkarigu mportanti tiegħu;*

*Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk dina l-Onorabbli Qorti tħoss illi għandha tagħti rimedju taħt l-Artikolu 300B ir-Reġistratur umilment tissolleva illi dan għandu jiġi akkordat bħala wieħed eċċezzjonali u straordinarju skont iċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ u għandu jingħata żmien improrogabbli sabiex l-affarjiet tal-kumpanija in kwistjoni jiġu definittivament konklużi u sabiex l-affarijiet ma jitwalux bla bżonn;*

Rat illi fl-udjenza tat-3 ta' Frar 2025, deher l-Avukat Stefan Camilleri għar-rikorrenti u l-Avukat Claudette Fenech għar-Reġistratur intimat.

Rat ukoll illi fl-udjenza tat-3 ta' Frar 2025, id-difensur tar-rikorrenti iddikjara illi sar kuntatt mal-likwidatur li kien ġie appuntat għall-kumpanija *de quo* bl-isem Antonio Grech li wera d-disponibilita' tiegħu li jekk kemm-il darba il-kumpanija terġa' titqiegħed fir-reġistru, allura huwa jkompli l-inkarigu tiegħu ta' likwidatur.

Rat ukoll illi fl-udjenza tat-3 ta' Frar 2025, bi qbil mad-difensuri tal-partijiet, il-kawża tħalliet għal-lum għad-deċiżjoni.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Illi jirriżulta mill-atti illi fir-rikors promotur ġie ddikjarat li r-raġel tar-rikorrenti, David Inglott, illum defunt, kien direttur u wieħed mill-azzjonista tas-soċjeta' Savemart Co Ltd, liema kumpanija b'effett mis-6 ta' Novembru 2014 kienet biddlet isimha u saret Safe Mark Co Ltd.

Tispjega li permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Victor Bisazza datat 10 ta' Novembru 1994, il-kumpanija kienet akkwistat garaxx bla numru li jinsab ġo Triq Agostino Matrenza, San Ġwann. Tgħid li b'resoluzzjoni meħuda fil-31 ta' Diċembru 2017, l-azzjonisti tal-Kumpanija kienu ħadu deċiżjoni li jpoġġu l-kumpanija f'likwidazzjoni voluntarja u kien ġie appuntat bħala likwidatur Antoine Grech u dana wara li saret dikjarazzjoni skont il-liġi li l-kumpanija kienet solventi. Tispjega li l-kumpanija ġiet stralċjata definittivament fit-3 ta' Ottubru 2019.

Tispjega li skopriet li bi żvista, meta saret il-likwidazzjoni, tħalla barra il-garaxx fuq deskritt. Tgħid li r-raġel tagħha, David Inglott, miet fid-29 ta' Ottubru 2023 u l-unika eredi tiegħu hija hi.

Tgħid għalhekk li għandha interess li l-kumpanija *de quo* tiġi ravvivata ai termini tal-artikolu 300B tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex il-garaxx fuq deskritt ma jiddevolvix f'idejn il-Gvern ta' Malta.

Illi jirriżulta illi l-posizzjoni li ħa r-**Reġistratur tal-Kumpanniji** tista' titqies waħda pjuttost newtrali iżda ferma. Huwa altru milli korrett ir-Reġistratur jgħid u jsostni illi meta jkun hemm stralċ, għandu jitħares u jiġi assikurat minn min hu interessat, illi jkun aċċertat illi l-assi u d-djun kollha jkunu inklużi fil-proċess ta' stralċ u li dan għandu jsir qabel ma jiġu ppreżentati d-dokumentazzjoni finali għal kanċellament.

Illi dan jevita ċertament lok għal abbuż. Huwa f'dan il-kuntest illi r-Reġistratur tal-Kumpanniji jinsisti illi jekk din il-Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, allura dan isir fuq parametri u termini ċari sabiex jiġi evitat

kwalsiasi element ta' abbuż jew preġudizzju għal terzi persuni, anke in vista tal-fatt illi dan huwa rimedju eċċezzjonali.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Fl-affidavit tagħha, ir-rikorrenti **Domenique Berthe Hyachinte Inglott** tgħid li r-raġel tagħha, David Inglott, illum defunt, kien direttur u wieħed mill-azzjonisti tas-soċjeta' Savemart Co Ltd, liema kumpanija b'effett mis-6 ta' Novembru 2014 kienet biddlet isimha u saret Safe Mark Co Ltd.

Tispjega li permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Victor Bisazza datat 10 ta' Novembru 1994, il-kumpanija kienet akkwistat garaxx bla numru li jinsab ġo Triq Agostino Matrenza, San Ġwann.

Tgħid li b'resoluzzjoni meħuda fil-31 ta' Diċembru 2017, l-azzjonisti tal-Kumpanija kienu ħadu deċiżjoni li jpoġġu l-kumpanija f'likwidazzjoni voluntarja u kien ġie appuntat bħala likwidatur Antoine Grech u dana wara li saret dikjarazzjoni skont il-liġi li l-kumpanija kienet solventi. Tispjega li l-kumpanija ġiet stralċjata definittivament fit-3 ta' Ottubru 2019.

Tgħid li r-raġel tagħha, David Inglott, miet fid-29 ta' Ottubru 2023 u hi kienet inkarigat lin-Nutar Liza Schembri sabiex tieħu ħsieb is-suċċessjoni tal-istess. Tispjega li mir-riċerki rriżulta li r-rikorenti kienet l-unika eredi ta' żewġha. Tispjega li f'laqgħa li kellha mal-istess Nutar ġiet mitluba tagħmel lista tal-propjeta' kollha li kienet tappartjeni lil żewġha u semmiet il-garaxx fuq deskritt. Tgħid iżda li mir-riċerki rriżulta li dan il-garaxx kien reġistrat fuq il-kumpanija u mhux fuq żewġha personali.

Issostni li din kienet sorpriża għaliha minħabba li l-kumpanija kienet stralċjata. Tgħid li għalhekk fuq parir tan-Nutar għamlet kuntatt mal-avukat tagħha sabiex tara x'jeħtieġ isir u b'hekk saret din il-proċedura.

Fl-affidavit tagħha, in-**Nutar Liza Schembri** tgħid li hi ordnat ir-riċerki mir-Reġistru Pubbliku ta' Malta fuq Savemart Company Limited C

12557 mill-1 ta' Jannar 1994 sal-25 ta' Jannar 2024 minn fejn irriżulta li fl-10 ta' Novembru 1994 permezz ta' kuntratt ta' bejgħ fl-atti tan-Nutar Victor John Bisazza l-kumpanija *de quo* kienet akkwistat garaxx sitwat fit Triq Agostino Matrenza, San Ġwann. Tispjega li l-kumpanija ma biegħetx u/jew ma ttrasferietx l-istess garaxx. Tgħid li fis-6 ta' Novembru 2014 il-kumpanija bidlet isimha għal Safe Mark Co Ltd. Tispjega li Safe Mark Co Ltd ma ffirmat ebda kuntratt pubbliku.

**Ikkunsidrat Ultejrorment:**

**Art. 300B tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta:**

> *(1) Meta kumpanija tkun tħassret minn fuq ir-reġistru, kull persuna interessata tista' b'rikors, titlob lill-Qorti biex tordna hi li l-isem tal-kumpanija jkun restitwit fuq ir-reġistru u li l-istralċ jerġa' jinfetaħ.*
> *(2) Meta, fuq rikors magħmul taħt is-subartikolu (1), il-Qorti tkun sodisfatta li l-istralċ u t-tħassir tal-kumpanija jkun vizzjat bi frodi jew <u>b'illegalità ta' natura materjali</u>, il-Qorti tista' tordna li l-isem tal-kumpanija jkun restitwit fuq ir-reġistru u li l-istralċ jerġa' jinfetaħ <u>għal dawk ir-raġunijiet u għal dak iż-żmien li l-Qorti tispeċifika fid-deċiżjoni tagħha</u>, u l-Qorti għandha tagħti dawk <u>id-direttivi u timponi dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xieraq</u>.*
> *(3) <u>Il-Qorti għandha tilqa' t-talba biss jekk tkun sodisfatta li dak ikun l-uniku rimedju li jkun hemm.</u>*

Il-Qorti tibda biex tgħid illi mill-provi mressqa jirriżulta illi l-garaxx mingħajr numru fi Triq Agostino Matrenza San Ġwann ma ġiex inkluż fl-istralċ tal-kumpanija Safe Mark Co Ltd.

Fix-xhieda tagħhom ir-rikorrenti jgħidu b'mod ċar u inekwivoku li kien żball u żvista li din il-propjeta' ma ġietx inkluża fl-istralċ għax ċertament li kien ikun ta' benefiċċju għall-azzjonisti li din il-propjeta' tiġi nkluża.

Di piu`, huwa bil-wisq ċar u evidenti illi l-fatt li l-istalċ ġie konkluż mingħajr ma ġiet inkluża l-imsemmija propjeta' jikkostitwixxi illegalita' ta' natura materjali.

Huwa ċar f'moħħ il-Qorti li hawnekk si tratta ta' stat ta' illegalita' illi sar bi żvista.

Il-Qorti hija ukoll sodisfatta illi ma għaddewx il-ħames snin mid-data illi l-kumpannija ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji u di fatti hemm qbil dwar dan bejn il-partijiet.

Finalment, illi l-Qorti tħoss illi l-uniku mod sabiex jinbiegħu jew alternattivament jiġu assenjati lill-azzjonisti jew l-aventi kawża tagħhom il-propjetajiet msemmija fir-rikors huwa billi jintlaqa' ir-rikors promotur odjern.

Il-Professur Andrew Muscat jghid:

> *A liquidator who, whether negligently or fraudulently, fails to take into account a pending claim will, it is submitted, have acted unlawfully. After all, in terms of general principles of law, a person who does not use prudence, diligence and attention of a bonus pater familias and causes damage as a result is deemed to have acted unlawfully. Moreover a liquidator is clearly bound by law to take into account all pending claims against the company (daqstant iehor kull ass attiv), and if he fails to do so through negligence, imprudence or want of attention he should also be deemed to have acted unlawfully*.[1]

Madanakollu, il-Qorti ma tistax ma tiġbidx l-attenzjoni ta' dawk li jaqdu l-kariga ta' stralċjarji u temfasizza l-importanza tar-reqqa u l-verifika tad-dikjarazzjoni tal-assi illi ssir mid-diretturi mal-bidu tal-istralċ, sabiex b'hekk jiġu evitati proċeduri u spejjeż żejda.

[1] Principles of Maltese Company Law, Second Edition, Vol I

**GĦALDAQSTANT**, il-Qorti, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, jidhrilha illi għandha tqis it-tħollija barra tal-propjeta' immobbli kif msemmi fir-rikors promotur qabel ma ġie ffinalizzat tal-istralċ tal-kumpannija msemmija bħala illegalita' ta' natura materjali u għalhekk ser tgħaddi biex takkolji it-talbiet tar-rikorrenti u tenut kont ta` l-assjem ta` fatti u ċirkostanzi li l-Qorti ġiet mgħarrfa bihom, din il-Qorti qegħda **tilqa' t-talba tar-rikorrenti** u konsegwentament:

1. Tordna li l-isem **Safe Mark Co Ltd (C 12557)** jerġa' jidħol fir-Reġistru tas-Soċjetajiet kif mitlub sa' mhux aktar tard minn ġimgħatejn mil-lum.

2. Tordna illi jerġa' jinfetaħ l-istralċ tal-istess kumpanija **Safe Mark Co Ltd (C 12557)** limitatament sabiex jittieħdu l-passi u l-miżuri kollha neċessarji sabiex il-garaxx bla numru li jinsab fi Triq Agostino Matrenza, San Ġwann li s-soċjeta' *de quo* akkwistat permezz ta' Kuntratt fl-Atti tan-Nutar Victor Bisazza datat l-10 ta' Novembru 1994 jiġi assenjat lill-azzjonisti tal-istess soċjeta' **Safe Mark Co Ltd (C 12557)** jew lill-aventi kawża tagħhom skond il-liġi**.**

3. Taħtar lil **Antoine Grech** sabiex jassumi l-funzjonijiet, is-setgħat u l-obbligi kollha ta' stralċjarju tal-kumpanija **Safe Mark Co Ltd (C 12557)** u tordna lir-rikorrenti sabiex tinnotifika lill-istess b'din id-deċizjoni.

4. Tordna lir-rikorrenti sabiex tagħmel dak kollu li hemm bzonn sabiex il-garaxx bla numru li jinsab fi Triq Agostino Matrenza, San Ġwann, li s-soċjeta' *de quo* akkwistat permezz ta' Kuntratt fl-Atti tan-Nutar Victor Bisazza datat l-10 ta' Novembru 1994 jiġi assenjat kif fuq ordnat**,** u dan taħt dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet hawnekk stipulati:

   a) Illi dan il-proċess ta' kontinwazzjoni u finaliżazzjoni tal-proċess ta' l-istralċ tal-kumpannija **Safe Mark Co Ltd (C 12557)** għandu jkun komplut sa żmien <u>massimu</u> ta' sena mill-llum, b'dan illi wara din is-sena ir-Reġistratur intimat jkollu s-setgħa illi jerġa' jneħħi isem il-kumpanija msemmija minn fuq ir-Reġistru tal-kumpanniji;

b) F'eventwalita' illi l-propjeta' tiġi assenjata kif hawn fuq deċiż, allura ir-rikorrenti għandha tavża b'dan lir-Reġistratur intimat sabiex huwa jkun jista' jgħaddi għat-tneħħija tal-isem tal-kumpanija minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji minnufih.

c) Illi l-Qorti trid tagħmilha ċara li dan il-provvediment bl-ebda mod ma għandu jfisser li bħal donnu l-Qorti tat jew qed tagħti xi *carte blanche* lill-kumpannija de quo u/jew lill-uffiċjali tagħha u/jew lill-istralċarju tagħha sabiex isir xi ħaġa oħra, għajr għal dak hawn deċiż u huwa għalhekk illi l-Qorti qed tagħmilha ċara illi una volta ri-integrata fuq ir-Reġistru, il-kumpanija **Safe Mark Co Ltd (C 12557)** tista' biss, entro l-perjodu massimu hawnhekk konċess, tgħaddi biex tittrasferixxi l-propjeta' immobbli hawn fuq imsemmija u xejn aktar.

L-ispejjeż ta' din il-proċedura u kif ukoll kwalsiasi spejjeż illi jista' jinkorri r-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpanija kummerċjali b'responsabilita' limitata **Safe Mark Co Ltd (C 12557)** fuq ir-Reġistru tas-Soċjetajiet u sabiex jerġa' jikkanċella isem il-kumpanija wara li jsir dak hawn fuq deċiż, ikunu a karigu tar-rikorrenti.

| | |
|---|---|
| **Ian Spiteri Bailey** | **Amanda Cassar** |
| **Onor. Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |